27 ta' Marzu, 1950

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Paolo Muscat** *versus* **Maria Rosaria Camilleri et.**

## Serviġi — Gratwità.

***Il-vinkolu ta' parentela bejn min jippresta serviġi u min jirċevihom huwa fondament attendibili u validu tal-preżunzjoni tal-gratwità ta' dawk is-serviġi. Din il-preżunzjoni ma hix assoluta, u tista' tiġi nieqsa meta jirriżultaw ċirkustanzi li juru li min irrenda s-serviġi kellu l-ħsieb li jitħallas tagħhom.***

***Il-ħsieb li s-serviġi ġiju prestati gratwitament għandu jissussisti fil-mument tal-prestazzjoni tas-serviġi; u ma jistax wieħed li jkun ippresta serviġi mingħajr ħsieb li jitħallas tagħhom ibiddel dak il-ħsieb għaliex wara żmien ir-relazzjonijiet bejnu u bejn il-persuna li rċeviet is-serviġi tiegħu jkunu tbiddlu.***

**Il-Qorti** — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re, li biha l-attur, wara li ppremetta illi huwa ppresta lill-konvenuti u b'inkarigu tagħhom diversi serviġi, u nefaq għalihom diversi spejjeż biex jieħu kura tad-dar u tad-deheb tagħhom fil-kors li huma kienu msiefrin, u ta' dan il-konvenuti ppromettewlu li jirrikompensawh; u li l-konvenuti, interpellati għal dan l-oġġett bl-ittra uffiċjali tal-10 ta' Settembru 1948, lanqas ma rrispondew; talab li l-istess konvenuti jiġu kundannati jħallsu lilu "in solidum" dak l-ammont li jiġi likwidat lilu dovut għar-raġuni fuq indikata; b'riżerva ta' drittijiet oħra; bl-imgħax legali u bl-ispejjeż; kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali fuq indikata u tal-mandat ta' l-elevazzjoni tal-15 ta' Settembru 1948;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fil-31 ta' Ottubru 1949, li biha ġew miċħuda t-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu; wara li kkunsidrat;

Li mill-provi prodotti quddiem il-perit jirriżultaw il-fatti segwenti :—

*Omissis;*

Illi l-vinkolu tal-parentela bejn min jippresta u min jirċievi serviġi jikkostitwixxi, kif dejjem ġie ritenut fid-dottrina

u fil-gurisprudenza, fondament attendibili u validu għall-preżunzjoni tal-gratuwità tas-serviġi bejn dawk il-persuni; iżda dan mhux li għandu jiġi dejjem u impreteribilment applikat f'kull każ ta' relazzjoni familjari bejn min iservi u jiġi servut. Dina l-preżunzjoni tista' tiġi eskluża meta javveraw ruħhom ċerti ċirkustanzi li juru illi kienet l-intenzjoni ta' min irrenda s-serviġi li jitħallas; u dina l-intenzjoni tista' tiġi argumentata, per eżempju, meta l-grad ta' parentela jkun pjuttost remot; meta min jirrendi s-serviġi ma jkunx talment aġjat li jista' jippermetti lilu nnifsu li jaħdem mingħajr ma jiġi rikompensat għal xogħlu; meta min jirrendi s-serviġi jirrendihom għaliex ikollu speranza li għalihom jiġi mħallas; meta jkun tilef xogħol lukrativ biex jirrendi dawk is-serviġi jew ikunu swewlu sakrifiċi apprezzabili; meta min jirrendi s-serviġi jkun soltu jagħmel dawk l-istess serviġi bi ħlas bħala xogħlu; meta s-serviġi jiġu prestati għal żmien twil u jkunu jimplikaw inkomodu apprezzabili għal min jirrendihom, l-aktar u l-aktar meta l-kondizzjoni ekonomika ta' min jirċevihom tkun tali li huwa jkun jista' jħallas għal dawk is-serviġi; meta l-kwalità tas-serviġi tkun tali li verosimilment għandha tiġi eskluża l-imsemmija presunzjoni, per eżempju meta jkunu "di bassa lega" avut rigward għall-kondizzjoni ta' min jirrendihom, jew tali li ma jkunux rikjesti fil-ħajja normali tal-familja;

Illi però, fil-fattispeċje ma tirrikorri l-ebda waħda miċ-ċirkustanzi fuq indikati, jew xi ċirkustanza oħra li teskludi l-preżunzjoni fuq imsemmija .U' difatti l-grad ta' parentela bejn l-attur u l-konvenut huwa tant viċin li ma jistax ikun viċin aktar; il-pożizzjoni ekonomika ta' l-attur hija biżżejjed tajba, avut rigward ċertament għall-kondizzjoni soċjali tiegħu; ma jirriżultax li hu tilef xogħol biex jirrendi s-serviġi li ġew fuq menzjonati; l-istess serviġi, ta' entità żgħira ħafna, u prestati l-bogħod wieħed mill-ieħor, fi żmien relativament qasir, ma swewlux sakrifiċi, u jekk swewlu xi sakrifiċċju dan kien pjuttost żgħir; lanqas il-kwalità tas-serviġi ma hija tali li għandha bilfors teskludi l-preżunzjoni tal-gratuwità........ Finalment, mill-kumpless tal-provi jirriżulta li l-attur ma kellux l-intenzjoni li jiġi rimunerat, u lanqas il-konvenuti ma tawh xi speranzi ta' rimunerazzjoni............; jirriżulta li l-attur ma kel-

lux il-ħsieb ta' ħlas jew ta' kumpens għas-serviġi fuq indikati, u li dam l-ħsieb ġiebu bħala reazzjoni għall-azzjoni tal-konvenuti li għamlulu l-imsemmija kawża, u għalbiex ikun jista' jikkumbatti ċerti pretensjonijiet ta' l-istess konvenuti f'dik il-kawża. Evidentement l-attur irrenda l-imsemmijin serviġi b'intenzjoni illi fiċ-ċirkustanzi li sibna ruħna f'Malta waqt it-tieni gwerra mondjali jgħin d:sinteressatament lil bintu, li minħabba dik l-istess gwerra kellha tħalli lil darha f'dawk iż-żmienijiet li kulħadd u kollox kien imminaċċjat li jinqered bl-operazzjonijiet tal-gwerra, biex tingħaqad ma' żewġha illi minħabba l-istess gwerra kellu jinstab f'Lixandra. Kif tajjeb ħafna rrileva l-perit, il-korrispondenza bejn l-attur u l-konvenuti sa ċertu żmien li dawn kienu Lixandra turi li kienet teżisti l-akbar imħabba bejniethom, u l-konvenuta rrikorriet lejn missierha biex jeħdilha kura tad-dar għaliex kienet ħaġa naturali li, għal dan, bint tirrikorri lejn missierha a preferenza ta' ħadd ieħor, u li l-attur bħala missier ħass li kellu jieħu ħsieb ta' l-affarijiet li bintu ħalliet warajha, speċjalment fiċ-ċirkustanzi li ġew rilevati. Mill-korrispondenza li ġiet eżibita ma jirriżulta l-ebda aċċenn, la minn parti u lanqas mill-oħra, ta' rikompensa għall-imsemmijin ftit serviġi li l-attur irrenda lill-konvenuti; anzi minn xi ittra ta' l-attur eżibita fil-kawża fuq indikata jirriżulta li l-attur ma kienx qiegħed jippretendi l-ebda kumpens għal dak li kien qiegħed jagħmel għall-konvenuta bintu.........;

Illi ġà la darba ġie ritenut illi ma hemmx lok li jiġi ntaxxat kumpens lill-attur għall-imsemmijin serviġi li rrenda, ma hemmx lok għall-eżami tal-kwistjoni l-oħra jekk huwa ġà ġiex kompensat mill-konvenuti għal dawk l-istess serviġi bil-valur ta' xi oġġetti li, kif jirriżulta, il-konvenuta awtorizzatu li jieħu minn darha...........;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi milqugħa t-talba tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għal din il-kawża jinsabu eżawrjentement u bi preċiżjoni miġjubin fis-sentenza appellata. Għal-

hekk ma hemmx bżonn li jiġu ripetuti, u anqas huwa l-każ li ssir xi aġġunta għalihom. Minn dawk il-fatti l-Ewwel Qorti waslet għall konklużjoni li l-appellanti ma ħaqqu ebda kumpens la għas-serviġi li huwa rrenda lill-konvenuti appellati, u anqas għall-ispejjeż li huwa għamel fl-okkażjoni tal-prestazzjoni tiegħu; u għalhekk ġiet respinta t-talba miġjuba biċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż;

Ikkunsidrat;

Illi, *kif* qalet din il-Qorti fil-kawża maqtugħa fl-14 ta' Frar 1938 in re "Farrugia vs. Farrugia", is-serviġi bejn parenti u affini għandhom jitqiesu li ġew prestati "pietatis vel familiaritatis causa". Dina l-preżunzjoni mhix assoluta, u tista' tiġi eskluża meta jirriżulta li min jippresta s-serviġi kellu ħsieb li jitħallas tagħhom. Dak il-ħsieb, però, għandu jissussisti fiż-żmien li s-serviġi jkunu qegħdin jiġu prestati, u ma jistax wieħed, li jkun ippresta serviġi mingħajr ħsieb li jitħallas, ibiddel dak il-ħsieb għaliex wara żmien ir-relazzjonijiet ta' bejniethom ikunu tbiddlu;

Ikkunsidrat;

Illi mill kumpless tal-provi li ġew imressqin jirriżulta li fiż-żmien li ġew prestati s-serviġi in kwistjoni r-relazzjonijiet bejn il-kontendenti kienu mill-iżjed kordjali, bħal ma kien xieraq bejn missier u bintu. Jirriżulta wkoll li biex ippresta dawk is-serviġi l-appellant ma tilef ebda qliegħ mix-xogħol tiegħu, li kien dak ta' kuntrattur mal-Militar, u għalhekk il-kondizzjoni ekonomika tiegħu kienet relativament tajba. In-natura ta' dawk is-serviġi anqas kienet tali li setgħet teskludi li missier li kien iħobb lil bintu ma kienx jagħmilhom jekk ma jiġix imħallas; anzi fiċ-ċirkustanzi li l-kontendenti kienu jinsabu fihom kienet iżjed ħaġa naturali li l-missier jagħmel u jiddiporta ruħu ma' bintu bl-istess mod li sar f'dan il-każ, mingħajr qatt ma jgħaddilu minn rasu l-ħsieb li kellu jitħallas għal dak li kien qiegħed jagħmel;

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti hija soddisfatta li l-appellant għal kull ma għamel ma' bintu ma kellu ebda ħsieb li jitħallas, u dak li għamel għamlu għall-imħabba u għall-affezzjoni li kellu lejn bintu — imħabba u affezzjoni li jġagħlu lill-missierijiet jagħmlu bil-qalb versu wliedhom sakrifiċċi wisq akbar minn dawk li għa-

lihom qiegħed jirreklama kumpens l-appellant. Huwa veru li meta l-appellati ġew lura mill-Eġittu r-relazzjonijiet tagħhom ma' l-appellant tbiddlu, u dan ħassu offiż mid-diportament tagħhom, li waslu biex għamlulu mandat f'daru; kif huwa verosimili li l-kawża tal-lum saret b'reazzjoni għal dak id-diportament tal-konvenuti. Iżda, kien x'kien id-diportament ta' l-appellati, la darba fiż-żmien li s-serviġi ġew prestati l-appellant ma kellux ħsieb li jitħallas tagħhom, dak id-diportament posterjuri ma setax inissel id-dritt għall-ħlas kif pretiż bl-att taċ-ċitazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet fuq miġjuba, u għal dawk miġjubin fis-sentenza appellata, li huma adottati, l-appell ta' l-attur ma jistħoqqlux jiġi milqugħ, u għalhekk għandu jiġi miċħud;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fil-31 ta' Ottubru 1949; bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.

---